MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 60/2003

Joseph Cremona bhala mandatarju tal-imsiefra Crocifissa Buttigieg

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku, Ghawdex

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine wara li ppremetta illi l-att tat-twelid li jgib in-numru progressiv ta’ hames mija u hamsa tas-sena elf disa’ mija u hamsa u hamsin (505/1955), liema att tat-twelid huwa hawn anness u markat bhala dokument A, huwa zbaljat kemm fir-raba kolonna taht l-intestatura “ismijiet moghtijin” u dana peress illi l-isem “Krucifissa” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Crocifissa” kif ukoll taht is-sitt kolonna taht l-intestatura “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi

msejha” u dan peress illi t-tarbija giet imsejha “Crocifissa” u mhux “Krucifissa”.

Illi l-attur nomine jrid jipprocedi ghall-korrezzjoni ta’ l-istess att tat-twelid.

Talab li din il-Qorti:

1. tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess att tat-twelid hawn fuq imsemmi (505/1955) hawn esebit bhala Dokument ‘A’ billi ssir korrezzjoni sewwa fir-raba kolonna taht l-intestatura “Ismijiet moghtijin” kif ukoll fis-sitt kolonna taht l-intestatura “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” u dana biex l-isem “Krucifissa” jigi kkancellat u minflok jidhol l-isem “Crocifissa” u b’hekk tawtorizza lill-istess konvenut nomine jaghti lill-attur nomine kopja ta’ l-istess certifikat tat-twelid kif korrett.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma hux edott mill-fatti kif esposti mill-attur nomine;

2. illi ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

3. Illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attur nomine u f’kull kaz id-direttur m’ghandux ibati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attur nomine bil-gurament jikkonferma illi isem l-attrici huwa “Crocifissa” u mhux “Krucifissa”.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u hamsa tas-sena elf disa’ mija u hamsa u hamsin (505/1955) fis-sens illi fir-raba kolonna taht l-intestatura “Ismijiet moghtijin” kif ukoll fis-sitt kolonna taht l-intestatur “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msjeha” l-isem “Krucifissa” jigi kancellat u minflok jidhol l-isem “Crocifissa”.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------